DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 134/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

li temenda l-Anness I (materji veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, istandards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn "il quddiem 'il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ([1]).

(2) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 104/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 ([2]).

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 dwar il-proċedura applikata mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għal talbiet għal opinjonijiet xjentifiċi riferiti lilha ([4]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/l-għalf ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 rigward in-netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-missjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 tas-7 ta' April 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-għadd u l-ismijiet tal-gruppi xjentifiċi permanenti ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE tad-19 ta' Ġunju 2006 li tinnomina nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ([9]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 47, 21.2.2008, p. 12.
([2]) ĠU L 47, 21.2.2008, p. 21.
([3]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).
([4]) ĠU L 185, 24.7.2003, p. 6. Ir-Regolament kif rettifikat fil-ĠU L 186, 25.7.2003, p. 46.
([5]) ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4.
([6]) ĠU L 160, 30.4.2004, p. 98. Ir-Regolament kif rettifikat fil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 60.
([7]) ĠU L 379, 24.12.2004, p. 64.
([8]) ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3.
([9]) ĠU L 189, 12.7.2006, p. 7.

(10) Din id-Deċiżjoni ma tapplikax għall-Liechtenstein.

(11) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda mingħajr il-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu 1 ta' l-Anness I tal-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif hemm speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, Nru 1304/2003, (kif rettifikati bil-ĠU L 186, 25.7.2003, p. 46), Nru 1642/2003, Nru 2230/2004 u Nru 575/2006 u tad-Deċiżjonijiet 2004/478/KE (kif rettifikati bil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 60) u 2006/478/KE fil-lingwa Iżlandiża u fil-lingwa Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Ottubru 2007 sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*) jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007, liema minn dawn jiġu fl-aktar stadju tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

ANNESS

L-Annessi I u II tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif ġej:

1) dan li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 7.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"Il-liġi ġenerali ta' l-ikel u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

13. **32002 R 0178**: Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), kif emendat bi:

— **32003 R 1642**: ir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4),

— **32006 R 0575**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 tas-7 ta' April 2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Ir-Regolament, u l-atti adottati b'mod konformi miegħu, għandu japplika għall-Iżlanda mingħajr il-perjodu tranżitorju stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I;

(b) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw fix-xogħol ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem 'l-Awtorità', ħlief għad-dritt tal-vot. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor aktar 'il quddiem, u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, it-terminu 'Stat(i) Membru(i)' li jinstab fir-Regolament għandu jiġi mifhum li qed jinkludi, flimkien mat-tifsira tiegħu fir-Regolament, l-Istati ta' l-EFTA. Il-paragrafu 11 tal-Protokoll 1 għandu japplika;

(ċ) L-Istati ta' l-EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna sabiex jibagħtu osservaturi għal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-atti msemmija fil-Ftehim. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Kumitat, iżda m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot;

(d) It-test ta' l-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'Il-liġijiet ta' l-Istati ta' l-EFTA li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, ma' l-importazzjoni u mat-tqegħid fis-suq ta' l-ikel u l-għalf għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi ta' l-ikel, inkluż miżuri effettivi sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jiġu rtirati mis-suq fi Stat Membru ta' l-UE ma jkunux jistgħu jiġu esportati jew esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz permezz ta' Stat ta' l-EFTA.';

(e) L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tirċievi l-informazzjoni prevista fl-Artikoli 26(3), 32(2), 33(4) u (6), u 34(4);

(f) L-Artikolu 29 għandu japplika b'dawn l-adattamenti li ġejjin:

Stat ta' l-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità sabiex tagħti opinjoni xjentifika dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-missjoni tagħha. Talba bħal din għandha, l-ewwelnett, tiġi indirizzata lill-Kummissjoni li, fejn tikkunsidra li t-talba tkun ta' interess komuni, għandha tgħaddiha lill-Awtorità sabiex tikseb l-opinjoni mitluba.

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità għal opinjonijiet xjentifiċi fil-każ. L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tikkoopera mal-Kummissjoni sabiex tiżgura metodu armonizzat;

(g) L-Artikolu 31 għandu japplika bl-adattament li ġej:

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità sabiex din tforni għajnuna xjentifika u teknika kif deskritt fl-Artikolu 31, dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħha b'mod konformi mal-Ftehim;

(h) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 48:

'B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg u ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini ta' l-Istati ta' l-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità fuq bażi ta' kuntratt.';

(i) L-Artikoli 53 u 54 għandhom japplikaw bl-adattamenti li ġejjin:

1) Fil-każ ta' ikel jew għalf li joriġina mill-Komunità jew minn Stat ta' l-EFTA dan li ġej għandu jkun japplika:

(a) Jekk il-Komunità jew Stat ta' l-EFTA ikun biħsiebu jadotta miżuri ta' emerġenza kontra l-Partijiet Kontraenti l-oħra, dan għandu jinforma lill-Partijiet l-oħra mingħajr dewmien.

Il-miżuri proposti għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lil kull Parti Kontraenti u kemm lill-Kummissjoni tal-KE kif ukoll lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

Bla ħsara għall-possibbiltà li l-miżuri jitqiegħdu fis-seħħ b'mod immedjat, il-konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni tal-KE u l-Partijiet ikkonċernati, fuq it-talba ta' waħda minnhom, għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa.

F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, kwalunkwe Parti kkonċernata tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim f'dak il-Kumitat, Parti Kontraenti tista' tadotta miżuri li jkunu xierqa. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ristretti għal dak li huwa neċessarju biss sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Għandha tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li jfixklu l-anqas it-tħaddim tal-Ftehim;

(b) Jekk il-Kummissjoni tal-KE tkun biħsiebha tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza rigward parti mit-territorju tal-Komunità, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Istati ta' l-EFTA mingħajr dewmien.

Jekk il-Kummissjoni tal-KE tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza li jikkonċernaw parti mit-territorju tal-Komunità, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat, wara konsultazzjonijiet u wara l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni, għandu jadotta l-miżuri li jikkorrispondu sakemm is-sitwazzjoni speċifika ta' l-Istat tkun tindika li dawn il-miżuri mhumiex ġustifikati. F'dak il-każ, dan għandu jinforma immedjatament lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Kummissjoni tal-KE.

Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet xierqa. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, ir-raba' sotto-paragrafu tal-paragrafu (a) għandu japplika.

2) Fil-każ ta' ikel u għalf minn pajjiż terz, dan li ġej għandu japplika:

(a) L-Istati ta' l-EFTA għandhom b'mod simultanju ma' l-Istati Membri tal-KE jieħdu miżuri ta' emerġenza li jkunu jikkorrispondu għal dawk meħuda minn dawn ta' l-aħħar għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

(b) Fil-każ ta' xi diffikultà dwar l-applikazzjoni ta' att Komunitarju, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat għandu jirrapporta immedjatament il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;

(ċ) L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat ta' l-EFTA jieħu miżuri ta' emerġenza unilaterali skond l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija f'(a);

(d) Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jikkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Komunità.

(j) L-Artikolu 60 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-paragrafu (1):

'Jekk Stat ta' l-EFTA ikun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat Membru ta' l-UE jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim, dan għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. L-istess japplika jekk Stat Membru ta' l-UE jkun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat ta' l-EFTA jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx li din taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim.';

2) Fil-paragrafu (2), l-ewwel u l-aħħar sentenza, il-kelmiet 'iż-żewġ Stati Membri' għandhom jinqraw bħala 'l-Istat ta' l-EFTA u l-Istat Membru ta' l-UE' waqt li t-terminu 'Kummissjoni' għandu jinqara bħala 'Kumitat Konġunt taż-ŻEE'. Fit-tieni sentenza, il-kelmiet 'il-Kummissjoni tista" għandhom jinqraw 'il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista', fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti';

(k) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit ta' l-Awtorità b'mod konformi ma' l-Artikolu 82(1) (a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim;

(l) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkonċedu privileġġi u immunitajiet lill-Awtorità li jkunu ekwivalenti għal dawk previsti fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.";

2) il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 29 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1177/2006) fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I:

"30. **32003 R 1304**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 dwar il-proċedura applikata mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għal talbiet għal opinjoni xjentifika riferiti lilha (ĠU L 185, 24.7.2003, p. 6), ir-Regolament kif rettifikat bil-ĠU L 186, 25.7.2003, p. 46.

31. **32004 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/l-għalf (ĠU L 160, 30.4.2004, p. 98), id-Deċiżjoni kif rettifikata bil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 60.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2004/478/KE għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fejn il-Kummissjoni tidentifika sitwazzjoni kif hemm imsemmi fl-Artikolu 56 (1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 li fiha Stat ta' l-EFTA ikun ikkonċernat direttament u jistabbilixxi unità ta' kriżi skond l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-koordinatur(i) tal-kriżi nnominat mill-Istat ta' l-EFTA li jkun ikkonċernat direttament u l-koordinatur tal-kriżi nnominat mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandhom jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-unità ta' kriżi.

32. **32004 R 2230**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 rigward in-netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-missjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 64).

33. **32006 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE tad-19 ta' Ġunju 2006 li tinnomina nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 189, 12.7.2006, p. 7).";

3) dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 40 (ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"Il-liġi ġenerali ta' l-ikel u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

41. **32002 R 0178**: Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), kif emendat bi:

— **32003 R 1642**: ir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4),

— **32006 R 0575**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 tas-7 ta' April 2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Ir-Regolament, u l-atti adottati b'mod konformi miegħu, għandu japplika għall-Iżlanda mingħajr il-perjodu tranżitorju stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I;

(b) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw fix-xogħol ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem 'l-Awtorità', ħlief għad-dritt tal-vot. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor aktar 'il quddiem, u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, it-terminu 'Stat(i) Membru(i)' li jinstab fir-Regolament għandu jiġi mifhum li qed jinkludi, flimkien mat-tifsira tiegħu fir-Regolament, l-Istati ta' l-EFTA. Il-paragrafu 11 tal-Protokoll 1 għandu japplika;

(ċ) L-Istati ta' l-EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna sabiex jibagħtu osservaturi għal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-atti msemmija fil-Ftehim. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Kumitat, iżda m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot;

(d) It-test ta' l-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'Il-liġijiet ta' l-Istati ta' l-EFTA li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, ma' l-importazzjoni u mat-tqegħid fis-suq ta' l-ikel u l-għalf għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi ta' l-ikel, inkluż miżuri effettivi sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jiġu rtirati mis-suq fi Stat Membru ta' l-UE ma jkunux jistgħu jiġu esportati jew esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz permezz ta' Stat ta' l-EFTA.';

(e) L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tirċievi l-informazzjoni prevista fl-Artikoli 26(3), 32(2), 33(4) u (6), u 34(4);

(f) L-Artikolu 29 għandu japplika b'dawn l-adattamenti li ġejjin:

Stat ta' l-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità sabiex tagħti opinjoni xjentifika dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-missjoni tagħha. Talba bħal din għandha, l-ewwelnett, tiġi indirizzata lill-Kummissjoni li, fejn tikkunsidra li t-talba tkun ta' interess komuni, għandha tgħaddiha lill-Awtorità sabiex tikseb l-opinjoni mitluba.

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità għal opinjonijiet xjentifiċi fil-każ. L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tikkoopera mal-Kummissjoni sabiex tiżgura metodu armonizzat;

(g) L-Artikolu 31 għandu japplika bl-adattament li ġej:

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità sabiex din tforni għajnuna xjentifika u teknika kif deskritt fl-Artikolu 31, dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħha b'mod konformi mal-Ftehim;

(h) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 48:

'B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini ta' l-Istati ta' l-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità fuq bażi ta' kuntratt.';

(i) L-Artikoli 53 u 54 għandhom japplikaw bl-adattamenti li ġejjin:

1) Fil-każ ta' ikel jew għalf li joriġina mill-Komunità jew minn Stat ta' l-EFTA, dan li ġej għandu jkun japplika:

(a) Jekk il-Komunità jew Stat ta' l-EFTA ikun biħsiebu jadotta miżuri ta' emerġenza kontra l-Partijiet Kontraenti l-oħra, dan għandu jinforma lill-Partijiet l-oħra mingħajr dewmien.

Il-miżuri proposti għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lil kull Parti Kontraenti u kemm lill-Kummissjoni tal-KE kif ukoll lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

Bla ħsara għall-possibbiltà li l-miżuri jitqiegħdu fis-seħħ b'mod immedjat, il-konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni tal-KE u l-Partijiet ikkonċernati, fuq it-talba ta' waħda minnhom, għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa.

F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, kwalunkwe Parti kkonċernata tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Jekk f'dak il-Kumitat ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, Parti Kontraenti tista' tadotta miżuri li jkunu xierqa. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ristretti għal dak li huwa neċessarju biss sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Għandha tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li jfixklu l-anqas it-tħaddim tal-Ftehim;

(b) Jekk il-Kummissjoni tal-KE tkun biħsiebha tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza rigward parti mit-territorju tal-Komunità, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Istati ta' l-EFTA mingħajr dewmien.

Jekk il-Kummissjoni tal-KE tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza li jikkonċernaw parti mit-territorju tal-Komunità, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat, wara konsultazzjonijiet u wara l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni, għandu jadotta l-miżuri li jikkorrispondu sakemm is-sitwazzjoni speċifika ta' l-Istat tkun tindika li dawn il-miżuri mhumiex ġustifikati. F'dak il-każ, dan għandu jinforma immedjatament lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Kummissjoni tal-KE.

Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet xierqa. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, ir-raba' sotto-paragrafu tal-paragrafu (a) għandu japplika.

2) Fil-każ ta' ikel u għalf minn pajjiż terz, dan li ġej għandu japplika:

(a) L-Istati ta' l-EFTA għandhom b'mod simultanju ma' l-Istati Membri tal-KE jieħdu miżuri ta' emerġenza li jkunu jikkorrispondu għal dawk meħuda minn dawn ta' l-aħħar għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

(b) Fil-każ ta' xi diffikultà dwar l-applikazzjoni ta' att Komunitarju, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat għandu jirrapporta immedjatament il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;

(ċ) L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat ta' l-EFTA jieħu miżuri ta' emerġenza unilaterali skond l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija f'(a);

(d) Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jikkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Komunità.

(j) L-Artikolu 60 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud fil-paragrafu (1):

'Jekk Stat ta' l-EFTA ikun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat Membru ta' l-UE jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim, dan għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. L-istess japplika jekk Stat Membru ta' l-UE jkun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat ta' l-EFTA jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx li din taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim.';

2) Fil-paragrafu (2), l-ewwel u l-aħħar sentenza, il-kelmiet 'iż-żewġ Stati Membri' għandhom jinqraw 'l-Istat ta' l-EFTA u l-Istat Membru ta' l-UE' waqt li t-terminu 'Kummissjoni' għandu jinqara 'Kumitat Konġunt taż-ŻEE'. Fit-tieni sentenza, il-kelmiet 'il-Kummissjoni tista" għandhom jinqraw 'il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista', fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti.';

(k) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit ta' l-Awtorità b'mod konformi ma' l-Artikolu 82(1) (a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim;

(l) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkonċedu privileġġi u immunitajiet lill-Awtorità li jkunu ekwivalenti għal dawk previsti fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej;

(m) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal-Liechtenstein. Għalhekk, il-Liechtenstein m'għandux jieħu sehem fl-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel jew jikkontribwixxi finanzjarjament fl-operat tagħha.

42. **32003 R 1304**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 dwar il-proċedura applikata mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għal talbiet għal opinjoni xjentifika riferiti lilha (ĠU L 185, 24.7.2003, p. 6), il-verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 186, 25.7.2003, p. 46.

43. **32004 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/l-għalf (ĠU L 160, 30.4.2004, p. 98), id-Deċiżjoni kif rettifikata bil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 60.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni(KE) 2004/478 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fejn il-Kummissjoni tidentifika sitwazzjoni kif hemm imsemmi fl-Artikolu 56 (1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 li fiha Stat ta' l-EFTA ikun ikkonċernat direttament u jistabbilixxi unità ta' kriżi skond l-Artikolu 56(2)

tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-koordinatur(i) tal-kriżi nnominat mill-Istat ta' l-EFTA li jkun ikkonċernat direttament u l-koordinatur tal-kriżi nnominat mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandhom jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-unità ta' kriżi.

44. **32004 R 2230**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 rigward in-netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-missjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 379, ta' l-24.12.2004, p. 64).

45. **32006 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE tad-19 ta' Ġunju 2006 li tinnomina nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 189, 12.7.2006, p. 7).";

4) Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzzb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2023/2006) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim:

"54zzzc. **32002 R 0178**: Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġiet tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), kif emendat bi:

— **32003 R 1642**: ir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4),

— **32006 R 0575**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 tas-7 ta' April 2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Ir-Regolament, u l-atti adottati b'mod konformi mar-Regolament, għandu japplika għall-Iżlanda mingħajr il-perjodu tranżizzjonali stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I;

(b) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw fix-xogħol ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem 'l-Awtorità', ħlief għad-dritt tal-vot. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor aktar 'il quddiem, u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 tal-Ftehim, it-terminu 'Stat(i) Membru(i)' li jinstab fir-Regolament għandu jiġi mifhum li qed jinkludi, flimkien mat-tifsira tiegħu fir-Regolament, l-Istati ta' l-EFTA. Il-paragrafu 11 tal-Protokoll 1 għandu japplika;

(ċ) L-Istati ta' l-EFTA kkonċernati għandhom jiġu mistiedna sabiex jibagħtu osservaturi għal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-atti msemmija fil-Ftehim. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Kumitat, iżda m'għandux ikollhom id-dritt tal-vot;

(d) It-test ta' l-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'Il-liġijiet ta' l-Istati ta' l-EFTA li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, ma' l-importazzjoni u mat-tqegħid fis-suq ta' l-ikel u l-għalf għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi ta' l-ikel, inkluż miżuri effettivi sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jiġu rtirati mis-suq fi Stat Membru ta' l-UE ma jkunux jistgħu jiġu esportati jew esportati mill-ġdid lejn pajjiż terz permezz ta' Stat ta' l-EFTA.';

(e) L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tirċievi l-informazzjoni prevista fl-Artikoli 26(3), 32(2), 33(4) u (6), u 34(4);

(f) L-Artikolu 29 għandu japplika b'dawn l-adattamenti li ġejjin:

Stat ta' l-EFTA jista' jitlob lill-Awtorità sabiex tagħti opinjoni xjentifika dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-missjoni tagħha. Talba bħal din għandha, l-ewwelnett, tiġi indirizzata lill-Kummissjoni li, fejn tikkunsidra li t-talba tkun ta' interess komuni, għandha tgħaddiha lill-Awtorità sabiex tikseb l-opinjoni mitluba.

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità għal opinjonijiet xjentifiċi fil-każ. L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tikkoopera mal-Kummissjoni sabiex tiżgura metodu armonizzat;

(g) L-Artikolu 31 għandu japplika bl-adattament li ġej:

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' titlob lill-Awtorità sabiex din tforni għajnuna xjentifika u teknika kif deskritt fl-Artikolu 31, dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħha b'mod konformi mal-Ftehim;

(h) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 48:

'B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg u ta' l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini ta' l-Istati ta' l-EFTA li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiġu impjegati mid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità fuq bażi ta' kuntratt.';

(i) L-Artikoli 53 u 54 għandhom japplikaw bl-adattamenti li ġejjin:

1) Fil-każ ta' ikel jew għalf li joriġina mill-Komunità jew minn Stat ta' l-EFTA dan li ġej għandu jkun japplika:

(a) Jekk il-Komunità jew Stat ta' l-EFTA ikun biħsiebu jadotta miżuri ta' emerġenza kontra l-Partijiet Kontraenti l-oħra, dan għandu jinforma lill-Partijiet l-oħra mingħajr dewmien.

Il-miżuri proposti għandhom jiġu notifikati mingħajr dewmien lil kull Parti Kontraenti u kemm lill-Kummissjoni tal-KE kif ukoll lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA.

Bla ħsara għall-possibbiltà li l-miżuri jitqiegħdu fis-seħħ b'mod immedjat, il-konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni tal-KE u l-Partijiet ikkonċernati, fuq it-talba ta' waħda minnhom, għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu soluzzjonijiet xierqa.

F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, kwalunkwe Parti kkonċernata tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Jekk f'dak il-Kumitat ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, Parti Kontraenti tista' tadotta miżuri li jkunu xierqa. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ristretti għal dak li huwa neċessarju biss sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni. Għandha tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li jfixklu l-anqas it-tħaddim tal-Ftehim;

(b) Jekk il-Kummissjoni tal-KE tkun biħsiebha tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza rigward parti mit-territorju tal-Komunità, din għandha tinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Istati ta' l-EFTA mingħajr dewmien.

Jekk il-Kummissjoni tal-KE tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' emerġenza li jikkonċernaw parti mit-territorju tal-Komunità, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat, wara konsultazzjonijiet u wara l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni, għandu jadotta l-miżuri li jikkorrispondu sakemm is-sitwazzjoni speċifika ta' l-Istat tkun tindika li dawn il-miżuri mhumiex ġustifikati. F'dak il-każ, dan għandu jinforma immedjatament lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA u lill-Kummissjoni tal-KE.

Il-konsultazzjonijiet għandhom isiru kemm jista' jkun malajr sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet xierqa. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, ir-raba' sotto-paragrafu tal-paragrafu (a) għandu japplika.

2) Fil-każ ta' ikel u għalf minn pajjiż terz, dan li ġej għandu japplika:

(a) L-Istati ta' l-EFTA għandhom b'mod simultanju ma' l-Istati Membri tal-KE jieħdu miżuri ta' emerġenza li jkunu jikkorrispondu għal dawk meħuda minn dawn ta' l-aħħar għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

(b) Fil-każ ta' xi diffikultà dwar l-applikazzjoni ta' att Komunitarju, l-Istat ta' l-EFTA kkonċernat għandu jirrapporta immedjatament il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE;

(ċ) L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat ta' l-EFTA jieħu miżuri ta' emerġenza unilaterali skond l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija f'(a);

(d) Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jikkunsidra d-deċiżjonijiet tal-Komunità.

(j) L-Artikolu 60 għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-paragrafu (1):

'Jekk Stat ta' l-EFTA ikun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat Membru ta' l-UE jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim, dan għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. L-istess japplika jekk Stat Membru ta' l-UE jkun ta' l-opinjoni li miżura meħuda minn Stat ta' l-EFTA jew ma tkunx kumpatibbli ma' dan ir-Regolament jew x'aktarx li din taffettwa t-tħaddim tal-Ftehim.';

2) Fil-paragrafu (2), l-ewwel u l-aħħar sentenza, il-kelmiet 'iż-żewġ Stati Membri' għandhom jinqraw bħala 'l-Istat ta' l-EFTA u l-Istat Membru ta' l-UE' waqt li t-terminu 'Kummissjoni' għandu jinqara bħala 'Kumitat Konġunt taż-ŻEE'. Fit-tieni sentenza, il-kelmiet 'il-Kummissjoni tista" għandhom jinqraw bħala 'il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista', fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti.';

(k) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit ta' l-Awtorità b'mod konformi ma' l-Artikolu 82(1) (a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim;

(l) L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkonċedu privileġġi u immunitajiet lill-Awtorità li jkunu ekwivalenti għal dawk previsti fil-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej;

(m) Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal-Liechtenstein. Għalhekk, il-Liechtenstein m'għandux jieħu sehem fl-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel jew jikkontribwixxi finanzjarjament fl-operat tagħha.

54zzzd. **32003 R 1304**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 dwar il-proċedura applikata mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għal talbiet għal opinjoni xjentifika riferiti lilha (ĠU L 185, 24.7.2003, p. 6), ir-Regolament kif rettifikat bil-ĠU L 186, 25.7.2003, p. 46.

54zzze. **32004 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/478/KE tad-29 ta' April 2004 li tirrigwarda l-adozzjoni ta' pjan ġenerali għall-ġestjoni ta' kriżi fl-ikel/l-għalf (ĠU L 160, 30.4.2004, p. 98), id-Deċiżjoni kif rettifikata bil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 60.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2004/478 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Fejn il-Kummissjoni tidentifika sitwazzjoni kif hemm imsemmi fl-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 li fiha Stat ta' l-EFTA ikun ikkonċernat direttament u jistabbilixxi unità ta' kriżi skond l-Artikolu 56(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-koordinatur(i) tal-kriżi nnominat mill-Istat ta' l-EFTA li jkun ikkonċernat direttament u l-koordinatur tal-kriżi nnominat mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandhom jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-unità ta' kriżi.

54zzzf. **32004 R 2230**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 rigward in-netwerk ta' organizzazzjonijiet li joperaw fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-missjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 379, ta' l-24.12.2004, p. 64).

54zzzg. **32006 D 0478**: id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE tad-19 ta' Ġunju 2006 li tinnomina nofs il-membri tal-Bord ta' Tmexxija ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (ĠU L 189, 12.7.2006, p. 7)."

Dikjarazzjoni mill-Istati ta' l-EFTA dwar l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 il-liġi ġenerali ta' l-ikel u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

Il-Ftehim taż-ŻEE ma jinkludix politika komuni dwar il-kummerċ fejn jirrigwarda l-esportazzjoni ta' ikel u għalf lejn pajjiżi terzi. L-Istati ta' l-EFTA jixtiequ jiddikjaraw, madankollu, li huma jqisu l-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali tagħhom bħala konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ta' l-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. Barra minn hekk, l-Istati ta' l-EFTA huma lesti li jinformaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fil-liġijiet nazzjonali li jirrigwardaw l-esportazzjonijiet ta' ikel u għalf lejn pajjiżi terzi.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Partijiet kontraenti dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA fil-Forum Konsultattiv ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

Il-Partijiet jinnutaw li għall-finijiet ta' l-integrazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 fil-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA tista' tiġi mistiedna bħala osservatur mid-Direttur Eżekuttiv għal-laqgħat tal-Forum Konsultattiv.

Dikjarazzjoni mill-Gvern tan-Norveġja dwar il-ftehimiet ta' ekwivalenza ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-liġi ġenerali ta' l-ikel u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

Jekk in-Norveġja tinnegozja ftehimiet ta' ekwivalenza fil-qasam veterinarju ma' pajjiżi terzi li jkollhom ftehimiet ta' ekwivalenza ma' l-Unjoni Ewropea, in-Norveġja tobbliga ruħha li tinnegozja ftehimiet li jkunu paralleli għal dawk tal-Komunità sabiex jiġu evitati diskrepanzi.
